**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12/2024

**It-Tlieta 10 ta' Diċembru, 2024**

Il-Kunsill Lokali Pembroke Itaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fis-18:40.

**PREŻENTI:**

Av. Kaylon Zammit – Sindku

Adrian Dominic Ellul – Viċi Sindku

Therise Abela – Kunsillier

Carmel Cesare – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippresjeda l-laqgħa.

### 12.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

12.01.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Raymond Lanzon kien talab li jkun skużat. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba.

12.01.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

12.01.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 12.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 10/K9/2024.

12.02.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 09/K9/2024 kif ippreżentati.

12.02.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.02.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 12.03 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/8530/24/I** Kwotazzjoni mingħand Commander Jay għal servizz ta' bistro table u sound għall-attività ta' 19 ta' Diċembru 2024.

**46/8736/24/I** Kwotazzjoni mingħand Matthew Jackson għal servizz ta' bistro table u sound għall-attività ta' 19 ta' Diċembru 2024.

**46/8796/24/I** Kwotazzjoni mingħand Ican għal servizz ta' bistro table u sound għall-attività ta' 19 ta' Diċembru 2024.

12.03.1 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/8530/24/I, 46/8736/24/I u 46/8796/24/I**, fejn ippropona li, l-Kunsill jipproċedi bl-irħas offerta.

12.03.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

12.03.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8539/24/I** Email mingħand il-Perit Dieter Falzon fejn bagħat il-BOQ aġġornat maqsum f'partijiet għall-upgrading ta' sit ta' rikreazzjoni f'San Patrizju.

12.03.4 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/8539/24/I**, fejn ippropona li, l-Kunsill jipproċedi hekk kif diġa maqbul, inkluż li ladarba l-Kunsill ikollu l-eżitu tal-iskema tal-Public Works, il-Kunsill ikun jista' jibda l-proċess bl-applikazzjoni għad-DPF kif ukoll il-ħruġ tal-offerti fejn ikun meħtieġ.

12.03.5 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

12.03.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8606/24/O** Email lill-membri tal-Kunsill fejn infurmajnihom li l-applikazzjoni PA 01949/24 tal-proġett tal-Pembroke P&R ġiet irtirata.

12.03.7 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/8606/24/O**, fejn ikkonferma dan filwaqt li saħaq li l-ħidma tal-Kunsill qed tħalli l-frott.

**46/8612/24/I** Email mingħand Gebla Climbing fejn talbu laqgħa mal-Kunsill dwar il-possibbiltà li jsibu post fil-lokal għall-Bouldering gym / Rock Climbing centre.

12.03.8 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/8612/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jara li din il-laqgħa ssir, u ssuġerixxa li l-Kunsillier responsabbli għandu jiltaqa' mal-kumpanija msemmija u jirraporta lura lill-Kunsill.

12.03.9 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.03.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8614/24/I** Email mingħand studenta fejn talbet tagħmel xogħol volontarju mal-Kunsill ta' 20 siegħa sal-aħħar ta' Jannar 2025.

12.03.11 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/8614/24/I** fejn ippropona li jekk huwa possibbli din it-talba għandha tiġi milqugħa.

12.03.12 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.03.13 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8637/24/I** Email mingħand Galea Curmi fejn bagħat kwotazzjoni ta' €1,416 sabiex isir rapport dwar light pollution ikkaġunat mid-dawl ġdid installat minn Luxol Sports Club.

12.03.14 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/8637/24/I**, fejn ippropona li għandu jsir komunikat mal-Kunsill Lokali tas-Swieqi dwar dan, u dan għaliex din il-problema qed taffettwa r-residenti taż-żewġ lokalitajiet.

12.03.15 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

12.03.16 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8629/24/O** Email lill-membri tal-Kunsill fejn infurmajnihom bl-applikazzjoni PA 7987/24 ta' Ivy House.

**46/8638/24/I** Email mingħand is-Sindku Kaylon Zammit fen talbu biex fil-laqgħa tal-Kunsill tkun diskussa l-applikazzjoni PA 7987/24 ta' Ivy House.

12.03.17 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/8629/24/O** u **46/8638/24/I** fejn ippropona li fid-dawl li l-applikant qed jipprova japplika biex jiġi sanzjonat operat li qed ikun ta' inkonvenjent kbir għar-residenti tal-lokal, speċjalment dawk li joqgħodu fl-akwati, il-Kunsill għandu jipproċedi billi joġġezzjona hekk kif meħtieġ. Il-kelliem ippropona wkoll li l-oġġezzjoni għandha tiġi ppreparata mill-Perit tal-Kunsill ħalli tkun waħda b'saħħitha.

12.03.18 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

12.03.19 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8643/24/I** Email mingħand il-Knisja fejn talbu l-assistenza ta' uffiċjali għall-purċissjoni bil-bambin li ser issir it-Tnejn 23 ta' Diċembru mill-5.00pm sa 6.30pm.

12.03.20 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/8643/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba u jekk ikun hemm il-bżonn, l-ispejjeż tal-uffiċjali għandhom jitħallsu mill-Kunsill.

12.03.21 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.03.22 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8676/24/I** Email mingħand LGD fejn qed iħeġġu lill-Kunsill jipparteċipa fl-attività Rigal b'imħabba.

12.03.23 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/8676/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jipparteċipa, u żied li għandu jsir post fuq il-midja soċjali tal-Kunsill sabiex persuni jiġu mħeġġa jagħtu donazzjoni tar-rigali.

12.03.24 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.03.25 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8703/24/I** Email mingħand Nature Trust fejn informa l-Kunsill li fiż-żoni 5, 6 & 7 il-fence ġie rranġat iżda fiż-żoni 1, 2, 3 u 4 ma sabx fence imkisser kif ukoll staqsew x'jaħseb il-Kunsill li żoni 1 u 5 jingħalqu kif indikat fil-pjanta.

12.03.26 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/8703/24/I** fejn ippropona li jiġu nfurmata bil-proposta tal-Kunsill dwar Vjal Kulħadd u għalhekk dak propost għat-triq lejn il-bajja għandu jinżamm on hold.

12.03.27 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

12.03.28 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8704/24/I** Email mingħand Active Ageing fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex iċ-Ċentru Anzjanita' Attiva f'Pembroke jinfetaħ ġurnata oħra fil-ġimgħa jiġifieri nhar ta' Tlieta u nhar ta' Erbgħa.

12.03.29 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/8704/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba.

12.03.30 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

12.03.31 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8709/24/I** Email mingħand Mica Med fejn bagħtu kwotazzjoni għal dawl dekorattiv tal-Milied inkluż bl-installazzjoni għall-prezz ta' €4,315.85.

12.03.32 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/8709/24/I** fejn ippropona li jipproċedi b'din il-kwotazzjoni.

12.03.33 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.03.34 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8719/24/I** Email mingħand l-AKL dwar Ċir AKL 2024/083 - Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2025.

12.03.35 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/8719/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipproċedi kif mitlub u talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tinġabar l-informazzjoni meħtieġa.

12.03.36 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.03.37 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8741/24/I** Email mingħand l-impjegata Alison Grixti titlob il-permess biex taħdem fil-ġimgħa b'anqas siegħat.

12.03.38 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/8741/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' t-talba tagħha bil-kundizzjoni li meta l-impjegata l-oħra tkun bil-vacation leave jew sick leave, jekk ikun hemm il-bżonn, fuq talba tas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, ikollha tidħol taħdem il-ħinijiet normali tal-uffiċċju.

12.03.39 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

12.03.40 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8757/24/I** Email mingħand il-librar fejn informa l-Kunsill li bejn il-21 ta' Diċembru u l-1 ta' Jannar il-librerija ser tkun magħluqa.

12.03.41 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza **46/8757/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba.

12.03.42 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.03.43 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

12.04.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għadda għall-item li kien imiss.

## 12.05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

12.05.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 26/2024** – Rapport dwar Kwotazzjonijiet għall-printing ta' A5 flyer (both sites). **(Ara Dok. 01)**
- **Internal Memo 27/2024** – Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 10/K9/24 u 12/K9/24. **(Ara Dok. 02)**

12.05.2 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-**Internal Memo 27/2024** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

12.05.3 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

12.05.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.06 Aġġudikar ta' Tender 05/2024.

12.06.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li dwar **PLC/T/2024/05 - Tender for the supply and install PV and battery**, il-proċess kien ġie konkluż, fejn il-Bord irrakkomanda li l-offerti kollha jiġu rifjutata minħabba li kull offerent kellu dokumentazzjoni obbligatorja nieqsa jew mhux kompluta, u għalhekk l-offerta għandha tinħareġ mill-ġdid. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

12.06.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

12.06.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

12.06.4 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li Tender 02/2022 - Cleaning and maintenance of Public Conveniences, is-servizz tal-librar Rafel Grima, is-servizz tal-Professional Cleaning, is-servizz ta' l-Street Lighting Maintenance Contracts Manager, il-kuntratt tal-Street Lighting Maintenance, u l-kuntratt tal-Leasing of Multifunctional Printer, għandhom jiġġeddu għall-perjodu ta' sena oħra.

12.06.5 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

12.06.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.07 2024 Staff Performance Bonus

12.07.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, kif ukoll, għan-nom tas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, ressaq dak tal-istaff tal-Kunsill, jiġifieri Alison Grixti u Tiziana Salerno Sammut, u l-ex impjegata Dorianne Wells. **(Ara Dok 03, 04, 05 u 06)**

12.07.2 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li dwar tas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, dan għandu jiġi rrakkomandat lid-DG tad-DGL biex jingħata l-massimu tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni, u dwar istaff tal-Kunsill Alison Grixti, Tiziana Salerno Sammut u Dorianne Wells, ippropona li dawn għandhom jingħataw il-persentaġġ indikat fir-rapport ippreżentat.

12.07.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

12.07.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

12.07.5 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg irringrazzja lill-membri tal-fiduċja tagħhom fix-xogħol tiegħu.

## 12.08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

12.08.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Ara Dok. 07, 08, 09 u 10)**

12.08.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat.

12.08.3 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

12.08.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.09 Mozzjonijiet.

12.09.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 12.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

12.10.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għalaq il-laqgħa fis-19:15 wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar l-Erbgħa 29 ta' Jannar 2025 fil-5:30pm.

**Konfermati, illum 29 ta' Jannar, 2025**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Av. Kaylon Zammit | Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt) |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 26/2024**

**03 ta' Diċembru 2024**

# Kwotazzjonijiet għall-printing ta' A5 flyer (both sides)

| Kumpanija | Prezz |
|---|---|
| AbbeyPre Press | Flyer - €240.00 + Vat<br>4 A3 posters - €4.00 + Vat |
| Bonnici Press | Flyer + Posters - €110.00 + Vat |
| Stamperija tal-Gvern | Flyer + Posters - €130.87 |
| Best Print | Flyer 1 side - €115.00 + Vat |
| Golden Gate Co. Ltd. | Flyer - €126.00 (inkluż il-Vat)<br>Posters - €16.54 (inkluż il-Vat) |

**Kevin Borg** M.Sc. (Gov & Mngt)
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku l-Av. Kaylon Zammit sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2.

**Internal Memo Referenza 27/2024** **10 ta' Diċembru 2024**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 10/K9/24 u 12/K9/24

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 226 | 2024 | Mica Med | Tlabna jissupplixxi u jinstalla dawl madwar il-bini tal-Kunsill lijk nu ta' tip LED u RGB. |
| 227 | 2024 | Knisja Kristu Rxoxt | Użu mis-sala tal-Knisja nhar il-Ħamis 19 ta' Diċembru 2024 mot-8.00pm ' il quddiem. |
| 228 | 2024 | Mica Med | Tlabna jirrenga lampa W153 li tinsab fi Triq Don Luigi Rigord quddiem dar 61u 62. |
| 237 | 2024 | Mica Med | Tlabna jirrenga lampa L015 fi Triq l-Imħallef W. Hading |
| 238 | 2024 | Mica Med | Tlabna jirrenga lampa L016 fi Triq Tunis. |
| 239 | 2024 | AB Wholesalers & Traders | 4 led lamps |
| 240 | 2024 | J&K Contractors | Tigi rrangata l-kaxxa griza fuq il-bankina f'Misrah il-Forti. |
| 241 | 2024 | Matthew Jackson | Tlabna jipprovdi bistro tables u sound system ghall-attivita' ta' 19 ta' Dicembru 2024. |

Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt)
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Av. Kaylon Zammit sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Sindku** : Av. Kaylon Zammit **Viċi Sindku** : Adrian Dominic Ellul
**Kunsilliera** : Therise Abela, Carmel Cesare u Raymond Lanzon
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt)

Dok 3

[to be filled by the Mayor/President of the Local/Regional Council] **FORM 1**

| PERSONAL ATTRIBUTES | | | |
|---|---|---|---|
| **Overall employee is considered to have:** | | **Score Range** | **Score** |
| Inter-personal Skills | Skills used every day when communicating and interact with other people, both individually and in groups. (e.g. verbal and non-verbal communication, empathy, active listening, and emotional intelligence) | 0-5 | 5 |
| Organisational Skills | Abilities that let someone stay focused on different tasks, and use their time, energy, strength, mental capacity, physical space, etc. effectively and efficiently in order to achieve the desired outcome (.e.g. meeting deadlines and time management) | 0-5 | 5 |
| Social Skills | Skills used everyday to interact and communicate with others (e.g. ability to interrelate with others) | 0-5 | 5 |
| Work Ethics and Values | Work ethics and values are based on hard work and diligence (e.g. integrity, honesty, discipline, fair and respect, responsible, and accountable) | 0-5 | 5 |

| WORKPLAN | | | |
|---|---|---|---|
| **Performance Factors and Definitions** | | **Score Range** | **Score** |
| Volume of Work | Volume of work done compared with the job requirements. | 1-10 | 10 |
| Quality of Work | Accuracy and presentation of work. | 1-10 | 10 |
| Knowledge of Job | Understanding job procedures, equipment andmethods, responsibilities and scope of duties. | 1-10 | 10 |
| Dependability | The degree to which this person can be counted upon to do what is required in carrying out assigned tasks and to meet deadlines. Include also comments o n attendance and punctuality. | 1-10 | 10 |
| Innovation | The degree to which the Executive Secretary continuously examines methods and policies and makes suggestions for improvements. | 1-10 | 10 |
| Staff Development | Consideration for subordinates shown; planning of work to be carried out by his subordinates as well as their monitoring, appraisal and development. | 1-10 | 10 |

| GOING THE EXTRA MILE | | | |
|---|---|---|---|
| **Goal** | **Brief Description of Evidence** | **Score Range** | **Score** |
| The employee has shown above average commitment to the design and delivery of an exceptional service to the satisfaction of the customer and/or contributed in delivering a highly complex assignment or project. | Kevin demonstrates regular interest in the locality by conducting inspections regularly. This strengthens the council's ability to fulfill its responsibilities and duties effectively. Additionally, Kevin takes an active interest in reviewing materials related to the locality, such as planning permits submitted for development. These permits | 0-20 | 20 |

## Mayor's General Comments

Over the past few months since I assumed office, I have had the valuable opportunity to work closely with Kevin on a daily basis. This experience has allowed me to understand him better, appreciate his perspective, and, most importantly, find a balanced approach to aligning the requirements of the Local Council with the needs of the residents.

I am confident that Kevin is an invaluable asset to the council, given his extensive experience and long-standing dedication in the role of Executive Secretary. His commitment and passion for his work are commendable and deeply appreciated.

That said, as with any role, there is always room for growth. One area that could further enhance his already significant contributions is fostering an even greater focus on aligning with the council's collective requirements. At times, Kevin's admirable dedication and strong personal views may make it challenging to fully detach from personal opinions and prioritise the council's directives. Encouragingly, with his openness to collaboration and dedication to excellence, I am confident that Kevin will continue to grow and excel in his role, contributing even more effectively to the council's success.

## Work Improvement Plan

### Achieved Performance Set in Previous Review

NIL

### Plan for next review Period

## Executive Secretary's Comments

**We declare that this appraisal has been reviewed and discussed between the Mayor and Executive Secretary**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **EXECUTIVE SECRETARY'S SIGNATURE** | [signature] | **MAYOR/ PRESIDENTS'S SIGNATURE** | [signature] |
| **DATE** | 10/12/2024 | **DATE** | 10 / 12 / 24 |

Dok 4

## *PERFORMANCE BONUS APPRAISAL*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Isem | **Alison Grixti** | Kariga | **Ass. Uffiċjal Prinċipali** |
| Perjodu tal-Evaluazzjoni | **Jannar sa Diċembru 2024** | | |
| Żmien tal-Kariga | **Sa minn Marzu 2011** | | |
| Kunsill Lokali | **Pembroke** | | |

***PERFORMANCE*** **B'MOD ĠENERALI :**

[ Din it-Taqsima għandha sservi biex **l-Impjegata** tkun jaf kif kienet il-*performance* tagħha b'mod ġenerali]

Għażel il-kaxxa li taħseb li l-aktar tirrifletti, b'mod ġenerali, il-*performance* ta' **l-Impjegata** meta mqabbla ma' dak li hu mistenni minnha. Tista' tiġġudika billi tevalwa: kemm sar tajjeb ix-xogħol fdat lil **Impjegata**; b'liema mod ġie mwettaq dan ix-xogħol; kemm ix-xogħol kien impenjattiv; u x'riżultati oħra ġew milħuqa minbarra dan ix-xogħol.

L-evalwazzjoni tinkludi tliet skali li juru li x-xogħol hu ta' livell aċċettabbli u skala waħda li turi li x-xogħol magħmul mhux ta' livell aċċettabbli, skond il-kriterji li ġejjin :

| | | |
|---|---|---|
| **Livell li jeċċedi dak mistenni** | Ix-xogħol imwettaq jeċċedi b'mod konsistenti u sinifikanti l-objettivi jew dak li kien mitlub minnu. | ☐ |
| **Livell rakkomandabbli** | Ix-xogħol imwettaq b'mod konsistenti laħaq fil-maġġor parti tiegħu l-objettivi jew dak li kien mitlub minnu. F'ċerti każi, ir-riżultat jista' ikun eċċeda dak li kien mitlub, filwaqt li f'każi oħra jista' ma jkunx intlaħaq kif mitlub; madanakollu, b'mod ġenerali, ix-xogħol imwettaq laħaq l-objettivi jew dak li kien mitlub. | ☒ X |

2.

| | | |
|---|---|---|
| **Ħidma Sodisfaċenti** | B'mod ġenerali, ix-xogħol imwettaq ta' sikwiet laħaq uħud mill-objettivi jew dak li kien mitlub. Bi ftit titjib f'ċerti oqsma tal-pjan ta' ħidma, ix-xogħol imwettaq jista' jitqies bħala sodisfaċenti. | ☐ |
| **Livell ta' xogħol imwettaq mhux aċċettabbli** | Ix-xogħol imwettaq b'mod konsistenti ma laħaqx l-objettivi jew dak li kien mitlub. Jekk ma jintweriex titjib fix-xogħol għandha tittieħed azzjoni biex is-sitwazjoni tiġi rrimedjata. | ☐ |

***PERFORMANCE BONUS*** **APPROVAT:......6......%**

**B'RIŻOLUZZJONI TAL-KUNSILL F'LAQGĦA LI SARET**

**NHAR It-Tlieta 10 ta' Diċembru tas-sena 2024**

**SINDKU ................................** **DATA 10/12/24**
**Av. Kaylon Zammit**

Dok 5

## *PERFORMANCE BONUS APPRAISAL*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Isem | **Tiziana Salerno Sammut** | Kariga | **Ass. Skrivana** |
| Perjodu tal-Evaluazzjoni | **Ottubru sa Diċembru 2024** | | |
| Żmien tal-Kariga | **Mit-30 ta' Ottubru 2024** | | |
| Kunsill Lokali | **Pembroke** | | |

### *PERFORMANCE* B'MOD ĠENERALI :

[ Din it-Taqsima għandha sservi biex **l-Impjegata** tkun jaf kif kienet il-*performance* tagħha b'mod ġenerali]

Għażel il-kaxxa li taħseb li l-aktar tirrifletti, b'mod ġenerali, il-*performance* ta' **l-Impjegata** meta mqabbla ma' dak li hu mistenni minnha. Tista' tiġġudika billi tevalwa: kemm sar tajjeb ix-xogħol fdat lil **Impjegata**; b'liema mod ġie mwettaq dan ix-xogħol; kemm ix-xogħol kien impenjattiv; u x'riżultati oħra ġew milħuqa minbarra dan ix-xogħol.

L-evalwazzjoni tinkludi tliet skali li juru li x-xogħol hu ta' livell aċċettabbli u skala waħda li turi li x-xogħol magħmul mhux ta' livell aċċettabbli, skond il-kriterji li ġejjin :

| | | |
|---|---|---|
| **Livell li jeċċedi dak mistenni** | Ix-xogħol imwettaq jeċċedi b'mod konsistenti u sinifikanti l-objettivi jew dak li kien mitlub minnu. | ☐ |
| **Livell rakkomandabbli** | Ix-xogħol imwettaq b'mod konsistenti laħaq fil-maġġor parti tiegħu l-objettivi jew dak li kien mitlub minnu. F'ċerti każi, ir-riżultat jista' ikun eċċeda dak li kien mitlub, filwaqt li f'każi oħra jista' ma jkunx intlaħaq kif mitlub; madanakollu, b'mod ġenerali, ix-xogħol imwettaq laħaq l-objettivi jew dak li kien mitlub. | ☒ |

**2.**

| | | |
|---|---|---|
| **Ħidma Sodisfaċenti** | B'mod ġenerali, ix-xogħol imwettaq ta' sikwiet laħaq uħud mill-objettivi jew dak li kien mitlub. Bi ftit titjib f'ċerti oqsma tal-pjan ta' ħidma, ix-xogħol imwettaq jista' jitqies bħala sodisfaċenti. | ☐ |
| **Livell ta' xogħol imwettaq mhux aċċettabbli** | Ix-xogħol imwettaq b'mod konsistenti ma laħaqx l-objettivi jew dak li kien mitlub. Jekk ma jintweriex titjib fix-xogħol għandha tittieħed azzjoni biex is-sitwazzjoni tiġi rrimedjata. | ☐ |

***PERFORMANCE BONUS* APPROVAT:** ......6......%

**B'RIŻOLUZZJONI TAL-KUNSILL F'LAQGĦA LI SARET**

**NHAR** **It-Tlieta 10 ta' Diċembru tas-sena 2024**

**SINDKU** ................................ **DATA** 10/12/24

**Av. Kaylon Zammit**

Dok 6

## *PERFORMANCE BONUS APPRAISAL*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Isem | **Dorianne Wells** | Kariga | **Ass. Skrivana** |
| Perjodu tal-Evaluazzjoni | | **Jannar sa Novembru 2024** | |
| Żmien tal-Kariga | | **Mil-14 ta' Frar 2022 sal-5 ta' Novembru** | |
| Kunsill Lokali | | **Pembroke** | |

***PERFORMANCE*** **B'MOD ĠENERALI :**

[ Din it-Taqsima għandha sservi biex **l-Impjegata** tkun jaf kif kienet il-*performance* tagħha b'mod ġenerali]

Għażel il-kaxxa li taħseb li l-aktar tirrifletti, b'mod ġenerali, il-*performance* ta' **l-Impjegata** meta mqabbla ma' dak li hu mistenni minnha. Tista' tiġġudika billi tevalwa: kemm sar tajjeb ix-xogħol fdat lil **Impjegata**; b'liema mod ġie mwettaq dan ix-xogħol; kemm ix-xogħol kien impenjattiv; u x'riżultati oħra ġew milħuqa minbarra dan ix-xogħol.

L-evalwazzjoni tinkludi tliet skali li juru li x-xogħol hu ta' livell aċċettabbli u skala waħda li turi li x-xogħol magħmul mhux ta' livell aċċettabbli, skond il-kriterji li ġejjin :

| | | |
|---|---|---|
| **Livell li jeċċedi dak mistenni** | Ix-xogħol imwettaq jeċċedi b'mod konsistenti u sinifikanti l-objettivi jew dak li kien mitlub minnu. | ☐ |
| **Livell rakkomandabbli** | Ix-xogħol imwettaq b'mod konsistenti laħaq fil-maġġor parti tiegħu l-objettivi jew dak li kien mitlub minnu. F'ċerti każi, ir-riżultat jista' ikun eċċeda dak li kien mitlub, filwaqt li f'każi oħra jista' ma jkunx intlaħaq kif mitlub; madanakollu, b'mod ġenerali, ix-xogħol imwettaq laħaq l-objettivi jew dak li kien mitlub. | ☐ |

**2.**

| | | |
|---|---|---|
| **Ħidma Sodisfaċenti** | B'mod ġenerali, ix-xogħol imwettaq ta' sikwiet laħaq uħud mill-objettivi jew dak li kien mitlub. Bi ftit titjib f'ċerti oqsma tal-pjan ta' ħidma, ix-xogħol imwettaq jista' jitqies bħala sodisfaċenti. | X |
| **Livell ta' xogħol imwettaq mhux aċċettabbli** | Ix-xogħol imwettaq b'mod konsistenti ma laħaqx l-objettivi jew dak li kien mitlub. Jekk ma jintweriex titjib fix-xogħol għandha tittieħed azzjoni biex is-sitwazjoni tiġi rrimedjata. | ☐ |

***PERFORMANCE BONUS*** **APPROVAT: ....6....%**

**B'RIŻOLUZZJONI TAL-KUNSILL F'LAQGĦA LI SARET**

**NHAR** **It-Tlieta 10 ta' Diċembru tas-sena 2024**

**SINDKU** ..............................
**Av. Kaylon Zammit**

**DATA** 10/12/24